# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru, 2001**

**Numru 7**

**Avviz Nru. 821/99 MM**

**Elmo Insurance Services Limited ghan-nom tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Felix Cuschieri u tal-istess Felix Cuschieri u b'nota tat-28 ta' Frar 2000 Elmo Insurance Agency Ltd assumiet l-atti ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal & Sun Alliance Insurance plc, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Felix Cuschieri**

**vs**

**Glenn Micallef**

**Il-Qorti;**

**Is-sentenza appellata**

Il-Qorti tal-Magistrati Malta fit-23 ta' Ottubru, 2000 ippronunzjat is-segwenti sentenza f'kawza li fiha ddeterminat ir-responsabilita' ghall-incident stradali li gara fl-Iklin fis-17 ta' Novembru, 1998.

"Il-Qorti;

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fit-2 ta' Gunju 1999 fejn talbu lil din il-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-kollizzjoni li grat tort tieghu fis-17 ta' Novembru 1998 fl-Iklin bejn il-vettura Volkswagen GLN 001 misjuqa minnu u l-vettura Skoda KAQ 095 misjuqa mill-attur Cuschieri u assikurata mal-kumpanija attrici (2) ghaliex m'ghandux ikun konsegwentement kundannat ihallas is-somma ta' erba mija hamsa u tmenin lira Maltin erba centezmi (Lm485.04c) bhala danni kwantu ghal erba u sittin lira maltin erba' centezmi lill-kumpanija attrici bhala s-somma li sburzat taht il-polza u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attur Cuschieri li batiha de proprio – bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' April 1999 u tal-ittra ufficjali kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax tat-8% mit-13 ta' April 1999 data tal-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

Illi huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-avviz fl-ismijiet premessi stante li ghall-incident 'de quo' kien unikament responsabbli Felix Cuschieri minhabba negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-istess Cuschieri.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni tat-traffiku illi grat fi Triq A Buttigieg fis-17 ta' Novembru 1998 ghal habta tas-sitta ta' filghaxija bejn il-vettura KAQ 095 misjuqa minn Felix Cuschieri u l-karozza GLN 001 misjuqa mill-konvenut Glenn Micallef. Felix Cuschieri s-sewwieq tal-vettura KAQ 095 hu l-assikurat tas-socjeta' attrici xehed illi huwa kien qieghed hiereg minn 'side road' li jaghti ghal sensiela ta' garaxxijiet li hemm f'tarf it-Triq A Buttigieg l-Iklin. Qal illi waqaf fil-fetha li hemm qabel ma jidhol fit-triq principali u hares lejn il-lemin minn fejn kien qieghed jippretendi l-karozzi. Fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm

vann ipparkjat. Meta ra li minn naha tal-lemin ma kienux gejjin karozzi dana kompla bit-triq tieghu u zamm lejn ix-xellug izda kif hareg sab il-konvenut ma' wiccu u sar l-incident. Din il-mekkanika tal-incident mhuwiex kontestat. Cuschieri spjega li huwa ma tantx ta kaz dik id-direzzjoni tax-xellug peress illi huwa kien mohhu mid-direzzjoni tal-lemin minn fejn kien qed jippretendi li kellhom jigu l-karozzi. Allega illi l-konvenut kien qieghed 'wrong side' u ghalhekk baqa' diehel fuqu.

Il-konvenut minn naha l-ohra jammetti li huwa zamm lejn il-lemin u kien xi ftit 'wrong side'. Dana ghamlu ghaliex Triq A Buttigieg tidjieq aktar 'l fuq u ghalhekk huwa zamm lejn in-naha tal-lemin halli huwa jkun ippustjat tajjeb ghal meta t-triq tidjieq. Jghid li f'daqqa wahda waqt li kien qieghed miexi fuq in-naha tal-lemin tat-triq harget il-karozza l-ohra misjuqa minn Felix Cuschieri minn dan is-'side road' u baqa' diehel fuqu. Dak il-hin Cuschieri kien qed ihares lejn il-lemin u ma ndunax bil-presenza tal-konvenut quddiemu.

Ikkunsidrat:-

Illi minn dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha li minkejja li kien hemm xi nuqqas da parti ta' Felix Cuschieri meta hareg minn 'side road' u hares biss nahha wahda jidhrilha li l-kawza prossima ta' dan l-incident ma kienx xi nuqqas partikolari minn naha ta' Cuschieri izda ghad-decizjoni tal-konvenut illi jpoggi l-karozza tieghu fuq in-naha hazina tat-triq biex b'hekk kien ta' ostakolu ghall-attur waqt li kien hiereg minn dan is-'side road'.

Il-konvenut jghid li huwa pogga l-karozza tieghu fuq in-naha l-hazina tat-triq peress illi t-triq tidjieq aktar l-quddiem. Il-Qorti jidhrilha li dina mhix skuza jew raguni gustifikata. Fil-posizzjoni fejn gara l-incident il-konvenut kien nettament 'wrong side' u l-Qorti tifhem ir-ragunament ta' Cuschieri meta jghid li waqt li kien hiereg huwa hares biss lejn il-lemin ghax minn hemm kien qieghed jippretendi illi jigu karozzi. Cuschieri pero' ammetta illi waqt li kien hiereg seta' ta l-kaz illi huwa hares biss lejn il-lemin bil-karozza 'in motion' biex b'hekk kien sorpriz bil-karozza tal-konvenut hekk kif sabha ma' wiccu. Il-Qorti jidhrilha illi hawnhekk ghandek nuqqas miz-zewg sewwieqa ghad illi dak tal-konvenut huwa ferm aktar gravi minn dak ta' Cuschieri. Ma jistax ikun li jkollok sitwazzjoni fejn sewwieq ihares banda u l-karozza tmur band'ohra. Sewwieq irid joqghod attent il-hin kollu, ma jistax jafda xejn u fit-toroq affollati ta' pajjizna sewwieq ma jistax ighid ma xhiex jiltaqa' jekk anke ghal frazzjoni ta' sekonda huwa jnehhi ghajnejh minn fuq it-triq ta' quddiemu. Cuschieri ghamel proprju

dan meta halla l-karozza tieghu miexja f'direzzjoni waqt li hu qed ihares direzzjoni ohra. Veru illi huwa ma kellux jippretendi illi minn dik id-direzzjoni li kienet miexja l-karozza kellhom jitfaccaw vetturi ohra izda, dana kollu ma jfissirx illi sewwieq jista' jafda daqshekk u jhalli l-karozza miexja f'direzzjoni minghajr ma tkun sollverjata ghax b'hekk sewwieq jista' jigi nfaccat b'emergenza u ma jkollux iz-zmien bizzejjed biex jiehu l-mizuri necessarji sabiex jevita xi incident. Dan kien proprju dak li gara lil Felix Cuschieri pero', bhalma gia inghad ir-responsabbilta' tal-konvenut hija akbar, dana l-ghaliex huwa kien isuq 'wrong side' u b'hekk pogga l-karozza tieghu f'posizzjoni ta' ostakolu ghall-utenti l-ohra tat-triq li kellhom ir-ragun kollu jippretendu li dik in-naha tat-triq kellha tkun libera ghal perkors ordinat taghhom.

Il-Qorti jidhrilha ghalhekk illi ghal dan l-incident ghandhom iwiegbu kwantu ghal zewg terzi l-konvenut u terz ghall-attur Felix Cuschieri.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara lill-attur Felix Cuschieri u lill-konvenut responsabbli ghall-kollizzjoni li grat fis-17 ta' Novembru 1998 fl-Iklin bejn il-vettura GLN 001 misjuqa mill-konvenut u vettura Skoda KAQ 095 misjuqa mill-attur Felix Cuschieri in kwantu ghal zewg terzi ghall-konvenut u terz Felix Cuschieri.

Tillikwida d-danni dovuti mill-konvenut Glenn Micallef fl-ammont ta' tlett mija tlieta u ghoxrin lira u sitta u tletin centezmi (Lm323.36c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez li ghandhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi ghall-konvenut u terz mill-atturi u bl-imghaxijiet legali mill-presentata ta' dan l-avviz u cioe' mit-2 ta' Gunju 1999."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi principalment u l-konvenut incidentalment. Kull parti baqghet tinsisti f'dan l-istadju illi r-responsabilita' ghas-sinisitru kellha tigi akkollata unikament u esklussivament lill-parti l-ohra. Din il-Qorti allura jehtigilha tezamina l-

fatti u l-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti biex tivverifika jekk il-konkluzjoni li waslet ghaliha s-sentenza appellata kenitx wahda gusta in kwantu kienet sewwa tapplika r-regolamenti li kienu jiggvernaw is-sewqan tal-persuni involuti fl-incident fid-dawl ta' l-aggravji sottomessi mill-kontendenti. Dawn il-provi fir-rigward tar-responabilita' huma essenzjalment limitati ghad-deposizzjonijiet taz-zewg sewwieqa, tax-xhieda tas-Surgent li nvestiga l-kaz u ta' l-iskizz minnu preparat flimkien mar-*road accident report*.

Ma hemm l-ebda kontestazzjoni kif gara l-incident. Infatti l-verzjonijiet ta' Felix Cuschieri, l-attur u ta' Glenn Micallef, il-konvenut jaqblu fil-partijiet essenzjali u rilevanti ghad-determinazzjoni tal-htija. Inoltre l-kaz hu wiehed li ghalih huma applikabbli r-regoli fondamentali ghall-kaz klassiku ta' habta bejn *main road user* u *side road user*. Regoli li indubbjament jitfghu il-piz principali tal-prova biex jiskolpa ruhu fuq is-*side road user* li kien obbligat jaghti d-dritta lil *main road user*. Obbligu li johloq kwazi presunzjoni ta' htija fuq is-*side road user* li kienet timponi fuqu l-oneru tal-prova tac-cirkostanzi eccezzjonali illi kienu jiggustifikawh li hareg mis-*side road* ghal fuq il-*main road* bil-mod li hareg u fil-mument li hareg. Altrimenti r-regoli tas-sewqan kienu jesigu illi *main road user* kellu d-dritta tat-triq u kellu kull jedd illi jippretendi illi ma jigix infixkel fi triqtu minn traffiku iehor gej mit-toroq laterali minuri. Ma hemm l-ebda dubju fil-kaz taht ezami illi l-konvenut kien qed isuq fit-

triq principali anke jekk kien qed jaghmel manuvra insolita ta' certa perikolozita' kif ma hemm l-ebda dubbju illi l-attur Cuschieri kien hiereg minn go *side road* u kellu l-obbligu illi jieqaf ghal kollox biex jesplora t-triq qabel ma jazzarda jirfes fuq il-*main road*. Kien obbligat jesplora t-triq principali u t-tul kollu taghha fuq iz-zewg nahat. Kellu jassigura ruhu illi ma kien hemm l-ebda traffiku f'dik it-triq principali, gej miz-zewg direzzjonijiet, u dana qabel ma jazzarda jirfes fuq it-triq principali. Dan ghaliex kellu l-obbligu li bl-ebda mod ma jfixkel lil dak it-traffiku. Dan l-obbligu principali l-attur Cuschieri jammetti li ma osservax. Iddikjara infatti b'mod l-aktar sincier illi, fil-waqt li huwa meta gie fil-fetha fis-*central strip* waqaf u hares lejn il-lemin minn fejn kien jistenna li jghaddu l-karozzi, hu jikkonferma:-

> "*Ma jidhirlix li harist lejn ix-xellug meta jiena ddecidejt li nohrog minn din il-fetha. Kull ma kont qieghed biss inhares lejn il-lemin ghax minn hemmhekk eppretendejt karozzi. Meta ddecidejt li nohrog minn dik il-fetha ma niftakarx lejn liema naha kont qed inhares*."

Din l-ammissjoni wahedha kienet cara u univoka bizzejjed biex takkolla l-htija kollha ghall-incident fuq l-istess Cuschieri. Hi ammissjoni illi ticcertifika inosservanza tar-regola bazilari tas-*side road user* illi jesplora sewwa l-*main road* biex jaccerta ruhu illi l-ebda traffiku ma kien qieghed juzaha u illi seta' jigi mfixkel bil-fatt biss illi huwa jirfes fuq it-triq principali. Jekk is-*side road user* hekk jaghmel qabel ma jkun cert illi t-

triq kienet ghal kollox hielsa jaghmel dan a riskju tieghu. Fil-kaz taht ezami n-nuqqas ta' l-istess Cuschieri hu aktar markat bil-fatt illi l-vizwali tieghu lejn ix-xellug tieghu u cioe' mid-direzzjoni mnejn kien gej il-konvenut, kienet ostakolata b'vettura parkeggjata ma' dik in-naha tat-triq principali. Il-prudenza kienet allura tissuggerilu illi ma johrogx jekk mhux verament bil-mod – *edging out* – biex jestendi l-vizwali tieghu lejn dik id-direzzjoni. Minn dan kollu l-istess Cuschieri dehrlu li ma kellu ghalfejn jaghmel xejn ghaliex ikun bizzejjed ghalih illi jhares lejn il-lemin tieghu minn fejn hu "ippretenda" li kellu jigi t-traffiku.

Dan hu zball iehor li l-istess Cuschieri ghamel. Hu stabbilit ormai illi l-fatt biss illi wiehed jinzerta jkun fuq in-naha l-hazina tat-triq ma kienx element determinanti ghall-htija. L-utent tat-triq kellu infatti l-possibilita' li juza l-karreggjata kollha sakemm ikun jista' jaghmel dan minghajr hsara ghalih innifsu u ghal traffiku iehor. Ma kien hemm xejn kontra r-regolamenti illi l-konvenut ikun parkeggjat fuq in-naha hekk imsejha l-hazina tat-triq. Lanqas kien impedut illi jaghmel il-manuvra li ghamel u cioe' illi johrog mill-posizzjoni ta' parkegg u jittraversa it-triq biex ikompli isuq fid-direzzjoni lejn fejn kien qed ihares. Fil-mument li kien qieghed jaghmel dik il-manuvra – anke jekk ta' certa perikolozita' – ma kien hemm l-ebda traffiku iehor fit-triq u certament ma kienx f'posizzjoni illi jinduna illi l-attur Cuschieri kien se johrog minn gos-*side road,* minn wara karozza, pparkjata fuq il-lemin tieghu. Hu kellu kull dritt jippretendi

illi kull vettura hierga go dik is-*side road* kellha tieqaf, tirrejalizza bil-presenza tieghu u ma tohrogx ghal fuq il-*main road* qabel ma jghaddi hu.  Il-posizzjoni tal-vettura fl-iskizz imbaghad turi b'mod l-aktar car illi l-istess Cuschieri kellu opportunita' ampja biex jirrealizza bil-presenza tal-karozza tal-konvenut li kieku indenja ruhu jhares fid-direzzjoni fejn kien. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju allura illi l-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident kienet il-fatt illi l-istess Cuschieri kien naqas illi jzomm *a proper look out* fil-mument meta iddecieda biex johrog ghal fuq il-*main road* u naqas li jaghti l-precedenza dovuta lit-traffiku fuq dik it-triq.  Il-htija ta' l-incident kellha allura tigi kollha kemm hi akkollata fuq l-attur Cuschieri u s-sentenza appellata in kwantu rriteniet illi z-zewg *drivers* kienu fi htija, anke jekk jekk bi proporzjon mhux ugwali, kienet zbaljata u kellha tigi revokata.

In-nuqqasijiet ta' l-attur Cuschieri huma fil-fehma ta' din il-Qorti manifesti u certament ma tistax taqbel mal-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi "dan l-incident ma kienx dovut ghal xi nuqqas partikolari minn naha ta' Cuschieri izda d-decizjoni tal-konvenut li jpoggi l-karozza tieghu fuq in-naha hazina tat-triq biex b'hekk kien ta' ostakolu ghall-attur waqt li kien hiereg minn din is-*side road*."  Din il-Qorti ma tara l-ebda irregolarita' f'dan il-komportament tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell kif gej:-

1. Tiddikjara illi l-incident de quo gara unikament htija tan-negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti ta' l-attur Felix Cuschieri u konsegwentement tillibera lill-konvenut minn kull htija ghas-sinistru.

2. Tilqa' l-appell incidentali ta' l-istess konvenut.

3. Tichad l-appell ta' l-atturi u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata.

L-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom ikunu a karigu ta' l-atturi proprio et nomine.

Dep/Reg

cb